MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Talba Numru. 340/2006

**Maltacom plc u b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2007 din giet sostitwita bl-isem GO p.l.c**

**vs**

**Youssef u Lorraine Mbarek**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' tlett mija hamsa u sittin Euro u sitta u erbghin centezmu (€365.46) u cioe' mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centemzu (Lm156.85), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21586060. Dana wara li ppremettiet illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ighaddu ghal hlas, izda baqghu inadempjenti. Bl-

ispejjes u bl-imghaxijiet mill-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi l-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi:-

1. L-esponenti qatt ma ffirmat ghall-applikazzjoni tas-servizz skond ma jirrizulta mal-anness dokument mal-Avviz u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi kwalsiasi debitu li jsir kontra l-komunjoni tal-akkwisti ghandu jsir bil-firem taz-zewg partijiet.

3. Illi ukoll l-partijiet dak iz-zmien ma kienux flimkien u kienu ilhom erba’ (4) xhur de facto separati u l-esponenti kienet fethet rikors ghas-separazzjoni kontenzjuza.

4. Illi ukoll meta saret l-applikazzjoni, l-esponenti kienet imsiefra barra minn Malta.

Salv Eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra x-xhieda tal-konvenuta li tghid li kienet insiet li kien hemm din il-linja telefonika li kienet tghajjat lir-ragel taghha. Fil-fatt gharfet il-firma tieghu fuq dan il-kont.

Hija xehdet illi kienu zzewwgu fl-4 ta’ Mejju, 1998 u kienu damu mizzewwgin ghal madwar sentejn, izda pero’ ma kelliex il-flus sabiex tissepara u kienet telqet minn Malta ghal madwar hames snin u telqet ghal habta ta’ Settembru jew Ottubru, 2001. Wara kienet giet ghal sena u kien f’dan il-perjodu li kienet fethet proceduri u kien wara li giet ghal kollox terga’ tghix Malta. Hija xehdet ukoll li ilha ma tkellem lir-ragel minn Awissu, 2000. Tghid li l-ahhar li ratu kien xi Ottubru, 2007. Tikkonferma li fl-2001 kienu diga’ mizzewwgin.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta’ attrici kellha kull dritt u anki obbligu li tiftah il-proceduri kontra il-konvenut u martu u dan meta l-ligi li tirregola z-zwigijiet tipprezumi, sakemm ma jigix ppruvat mod iehor, li tezisti l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi.

Ghalhekk, sakemm ma jigix ppruvat il-kontra, il-presunzjoni hija li l-konvenuta hija ukoll debitrici, flimkien ma’ zewgha.

Il-konvenut naqas li jgib provi u hija biss il-konvenuta li tispjega li hi u l-konvenut kienu zzewwgu, fl-4 ta’ Mejju, 1998 u kienu damu flimkien biss sentejn.

Kienet telqet minn Malta ghall-habta ta’ Settembru jew Ottubru, 2001, izda ma kienitx ikkonkludiet is-separazzjoni ghaliex ma setghetx finanzjarjament tqabbad avukat.

Mill-provi, li ma jirrizultax li huma kkontestati, jidher illi kien il-konvenut biss li applika ghall-installazzjoni u l-kirja ta’ linja telefonika fil-fond Falcon Court, Flat 1, Triq Vitale, Xemxija. Dan kien fis-26 ta’ Ottubru, 2001 u cioe’ fiz-zmien meta l-konvenuta kienet probabilment diga’ telqet minn Malta, kif tixhed hi stess.

Anke jekk ma kienitx telqet, tikkonferma hi stess li kienet ilha ma tarah minn Awissu, 2000 u ghalhekk meta saret din l-applikazzjoni, din saret ad insaputa tal-konvenuta.

It-Tribunal, wara li ezamina bir-reqqa is-sottomissjonijiet tal-konvenuta, jaqbel illi per se, dan l-att tal-konvenut kienet tammonta ghall-att ta’ amministrazzjoni straordinarja li sar minghajr il-kunsens tal-konvenuta u per konsegwenza l-istess debitu ma jistax jigi kkunsidrat bhala debitu fuq il-kommunjoni ta’ l-akkwisti, izda debitu tal-konvenut li applika ghal-linja, f’mument meta kien *de facto* sseparat minn ma’ martu.

Apparti minn hekk, il-konvenuta esebiet is-sentenza ta’ annullament taz-zwieg taghha minn ma’ zewgha datata 27 ta’ Ottubru, 2006. Il-konvenuta ssottomettiet illi fejn zwieg jigi ddikjarat null, l-effetti taz-zwieg validu jitqiesu li kienu

jezistu favor il-mizzewwgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret *res judicata* meta l-mizzewwgin ikunu zzewwgu in bona fede (Artikolu 20 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg.) Ghalhekk, a contrario sensu, jirrizulta li dawk l-istess effetti ma jibqghux applikabbli fil-kazijiet ta' fejn parti tkun in *mala fede*.

Fl-istess sentenza citata mill-konvenuta, il-konvenut instab li hu kien in *mala fede* meta zzewweg lill-konvenuta ghaliex il-kunsens taghha kien inkiseb b'qerq.

Ghalhekk, legalment, bl-istess ragunament, per konsegwenza tal-anullament u tal-fatt li ghar-ragunijiet premessi l-effetti taz-zwieg ma baqghux applikabbli fil-konfront tal-konvenut, il-kommunjoni ta' l-akkwisti qatt ma setghet tezisti bejn il-konjugi, kif issottolineat il-konvenuta u effettivament, il-konvenut qatt ma seta' johloq dejn li jinkombi fuq il-kommunjoni ta' l-akkwisti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici biss fil-konfront tal-konvenut u jichad l-istess fil-konfront tal-konvenuta li ghal kull fini u effett tal-ligi qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjes tal-konvenuta jithallsu mis-socjeta' attrici mentri l-ispejjes rimanenti ikunu a kariku tal-konvenut li ghandu ihallsahom flimkien ma' l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------